

Brussell, 4 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9617/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0091(BUD)

FIN 610

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit
emendatorju Nru 1 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 tal-Unjoni
Ewropea għas-sena finanzjarja 2025**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

Billi:

- il-baġit tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2025 ġie adottat definittivament fis-27 ta' Novembru 2024²;
- fid-9 ta' April 2025, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 għall-baġit ġenerali għas-sena finanzjarja 2025,

¹ ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>.

² ĠU L, 2025/31, 27.2.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/budget/2025/31/oj>.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2025 ġiet adottata fis-16 ta' Ġunju 2025.

It-test shih¹ huwa disponibbli għall-konsultazzjoni jew għat-tniżżil mis-sit web tal-Kunsill:

<https://www.consilium.europa.eu/documents-publications/public-register/public-register-search/>.

Magħmul fil-Lussemburgu, 16 ta' Ġunju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Dokument 9619/25 + ADD 1.